MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 534/2005

**Highway Auto**
**Company Limited (C-3252)**

**vs**

**Oliver u Carmen konjugi Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 t’Ottubru tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi huma responsabbli ghal hsarat sofferti mill-attur fil-fond 339, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, inkluz telf ta’ profitt stante li huma ma setghux jikru l-istess post

tul il-kors tax-xogholijiet li huma qed jaghmlu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;

2. Tillikwida d-danni sofferti minhabba n-negligenza u t-traskuragni tal-konvenuti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawk id-danni hekk likwidati inkluz it-telf ta' profitt talli huma ma setghux jikru l-post tul il-kors tax-xogholijiet minnhom maghmula fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, adjacenti mal-fond proprjeta` taghhom li huma akkwistaw b'kuntratt tat-23 ta' Gunju tas-sena 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Andre' Farrugia (Dok "A", hawn anness);

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 t'Awissu tas-sena 2005 u tal-ittra tal-5 ta' Settembru tas-sena 2005 u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

5. Illi d-danni pretizi ma jeccedux l-elf u tminn mitt Lira Maltin (LM1,800.00,0), u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni ulterjuri;

Rat in-nota datata s-16 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Is-socjeta` attrici ma soffriet ebda hsarat fil-fond taghha tant li l-unici hsarat li kellha kienu zewg gebliet li waqghgu ghal gol-bitha tal-proprjeta` tas-socjeta` attrici u kisru l-konkos tal-istess bitha li f'siegha xoghol sar kollox kif kien qabel ma gara l-incident;

b. Illi oltre dan is-socjeta` attrici qatt ma rrapurtat lill-konvenuti li sofriet danni aktar ghajr it-telf ta' kera;

c. Li s-socjeta` attrici ma sofriet ebda danni stante li qabel ma sar l-iskavar sar rapport tal-istat tal-proprjeta` tas-socjeta` attrici mill-perit tal-konvenuti u stante wkoll l-fond qatt ma kien jinkera u mhux minnu li s-socjeta` attrici ma setghetx tikri l-istess fond minn meta xtratu fit-23 ta' Gunju tas-sena 2005;

d. Il-fond tas-socjeta` attrici dejjem seta' jinkera;

e. Li anke kieku s-somma pretiza minbarra li hija nfondata hija wkoll eccessiva ;

f. Li l-verita` hi li s-sojceta` attrici riedet tbiegh il-fond lill-konvenuti u ghax informatha li m'humiex interessati, issa qed jaghmlu minn kollox biex ifixkluhom fl-izvilupp li qed jaghmlu;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi huma ma'ghandhomx ibaghtu spejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Marzu, tas-sena 2006, li permezz tieghu, wara talba ghal dan il-ghan mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici li ghaliha r-rapprezentant legali tal-konvenuti rremettiet ruhha, hatret lill-perit Andre` Pizzuto bhala espert tekniku biex jirrelata kif stabbilit fl-istess verbal;

Rat ir-relazzjoni peritali datata l-21 ta' Novembru tas-sena 2006;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista’ tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici ilha proprjetarja tal-fond numru 339, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar mit-23 ta’ Gunju tas-sena 2005, skond il-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia ta’ l-istess data, (ara fol 19);

2. Illi jirrizulta assodat ukoll li l-istess fond kien ilu fil-pussess tas-socjeta` attrici sa mit-22 ta’ Novembru, tas-sena 2004;

3. Illi rizultat ta’ xogholijiet ta’ kostruzzjoni li l-konvenuti kienu qed jaghmlu f’fond proprjeta` taghhom li kien kwazi jiccirkonda l-fond tas-socjeta` attrici, dawn ikkawzaw hsarat konsiderevoli fl-istess proprjeta` attrici;

4. Illi x-xogholijiet ta’ kostruzzjoni tal-konvenuti bdew f’Novembru tas-sena 2004 u peress li skavaw madwar hames (5) sulari, anke ipperikolaw l-istabilita` tal-fond tas-socjeta` attrici;

5. Illi dawn il-hsarat huma elenkati fir-rapport tal-perit tas-socjeta` attrici a fol 188 u m’ghandhomx ghalfejn jigu ripetuti hawn;

6. Illi b’rizultat ta’ dan kollu l-fond in dizamina ma setax jinkera lil terzi matul dan il-perjodu;

7. Illi peress li ma ntlahaqx fethim bejn il-partijiet fir-rigward is-socjeta’ attrici hassitha kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuti tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi meta s-socjeta` attrici xtrat il-fond meritu tal-procedura odjerna l-fond adjacenti proprjeta` tal-konvenuti mhux biss kien diga' imwaqqa' izda kien gia` inbena sa l-ewwel sular;

2. Illi l-konvenuti jsostnu wkoll li kienu debitament avzaw lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici bix-xogholijiet li kienu ser isiru, liema xogholijiet gew effetwati taht is-supervizjoni tal-Perit Jean Pierre Attard;

3. Illi l-istess konvenuti jaffermaw li meta kienu spezzjonaw il-fond tas-socjeta` attrici qabel ma bdew bil-kostruzzjoni taghhom kienu gia` kkonstataw xi konsenturi fl-istess fond;

4. Illi aktar tard tul il-progress fix-xoghol ta' kostruzzjoni l-konvenut Agius ingibditlu l-attenzjoni ghal xi toqba ta' travu f'hajt u wara li kkonstata l-istess, assigura lir-rapprezentant tas-socjeta` attrici li kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati minhabba l-kostruzzjoni li kienet qed issir;

5. Illi l-bieb principali tal-fond tas-socjeta` attrici ma jirrizultax li qatt kien imblukkat;

6. Illi l-konvenut Agius isostni li wara li kien sewwa l-hsarat riskontrati kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta` attrici jekk hu kienx sodisfatt b'din it-tiswija, kien informat li *"x-xoghol kien jidher li kien wiehed sew"* (ara fol 271), bl-eccezzjoni ta' xi madum fil-kamra tal-banju;

7. Illi l-istess Agius intrabat li jirranga dawn l-ahhar irqaqat;

8. Illi in vista ta' dan, l-allegazzjoni attrici hi sproporzjonata u konsegwentement qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi l-espert tekniku li gie inkarigat minn din il-qorti sintetikament ikkonkluda bil-mod segwenti:

1. Illi ma hemm l-ebda hsara strutturali fil-fond proprjeta` tas-socjeta` attrici;

2. Illi kull ma gie riskontrat kien xi xquq bejn zewg hitan fuq il-parti ta' wara tal-fond in dizamina;

3. Illi l-ispejjez stmati biex jigu sanati jammontaw komplessivament ghal mija u sebgha u sittin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM167.60,0), ekwivalenti ghal tlett mija u disghin Ewro u erbghin centezmu (€390.40);

4. Illi peress li s-socjeta` attrici xtrat il-fond de quo meta l-konvenuti kienu gia` bdew bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni adjacenti, il-kwistjoni tal-kera ma treggix ghaliex kien ikun difficli li l-fond de quo jinkera f'dik il-fazi, u li dan kien konxju minnu wkoll ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici;

Illi din il-qorti ma tqisx li ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet tal-perit espert minnha appuntat u taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tieghu;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji parzjalment it-talbiet tas-socjeta` attrici, takkolji wkoll it-talbiet tal-konvenuti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Oliver u Carmen Agius biex ihallsu lis-socjeta` attrici Highway Auto Company Limited (C-3252) l-ammont ta' mija u sebgha u sittin Lira Maltin u sittin centezmu (LM167.60,0) ekwivalenti ghal tlett mija u disghin Ewro u erbghin centezmu (€390.40);

2. Bl-ispejjez jinqasmu bil-mod segwenti: terz ta' l-ispejjez ghall-konvenuti u zewg terzi ta' l-istess ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------